MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-12 ta' April, 2005

Avviz Numru. 549/2003

**Martin Xuereb**

**vs**

**Carmen Mifsud, Mary Debattista, Gaetana Diedo u John Xuereb lkoll ahwa Xuereb**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat is-6 ta’ Novembru tas-sena 2003 li permezz tieghu l-attur sejhu lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m’ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Ihallsu lill-attur is-somma ta’ elf sitt mija u sitta u hamsin Lira Maltin, (LM1656.00,0), rapprezentanti

ammont dovut minnhom lill-attur, liema somma il-konvenuti gew inutilment interpellati sabiex ihallsu;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri bonarji u ittra ufficcjali tat-2 ta' Gunju tas-sena 2003, bl-imghaxijiet kummercjali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data tad-dovut pagament sad-data tal-pagament effettiv, u bir-rizerva ta' kull dritt fil-Ligi;

3. Illi l-konvenuti huma ingunti ghas-subizzjoni;

Rat il-verbal tar-rapprezentant legali ta' l-attur datat il-15 ta' Gunju tas-sena 2004 li permezz tieghu infurmat lill-qorti li l-attur u l-konvenut John Xuereb kienu lahqu ftehim bejniethom;

Rat ukoll il-verbal tar-rapprezentant legali tal-konvenuti Carmen Mifsud, Mary Debattista u Gaetana Diedo datat il-15 ta' Gunju tas-sena 2004 li permezz tieghu nforma lill-qorti li dawn il-konvenuti indikati f'dan il-paragrafu ipprezentaw cedola ta' depozitu fl-ammont ta' elf mija u erbghin Lira Maltin u tlieta u tletin centezmu, (LM1140.33,0);

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti, inkluz l-affidavit ta' l-attur datat it-12 t'Ottubru tas-sena 2004;

Ikkunsidrat:

Illi tirrileva qabel xejn li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx in-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom skond il-ligi u dan, nonostante li kienu prezenti ghal diversi udjenzi f'din il-procedura, ippartecipaw anke billi ipprezentaw xi dokumenti u kienu wkoll legalment rapprezentati;

Ikkunsidrat:

Illi mill-analizi tal-fatti kif prezentati jirrizulta sintetikament is-segwenti:

1. Illi permezz ta’ kuntratt datat id-9 ta’ Mejju tas-sena 1986 in atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef, l-attur kien sellef l-ammont ta’ tlett elef Lira Maltin, (LM3,000.00,0), lill-papa’ tieghu George;

2. Illi l-konvenuti huma lkoll ulied dan George indikat fil-paragrafu precedneti u ghalhekk huma lkoll ahwa ta’ l-attur;

3. Illi dan George Xuereb gie nieqes fis-7 ta’ Mejju tas-sena 1987;

4. Illi sad-data indikata fil-paragrafu precedenti d-debitu fuq riferit kien ghadu ma giex saldat;

5. Illi skond il-paragrafu numru 3 ta’ l-affidavit ta’ l-attur li bl-ebda mod ma gie kontradett mill-konvenuti, erba’ mill-ahwa, ulied l-istess George Xuereb, kienu hallsu sehemhom lill-attur;

6. Illi kienu biss il-konvenuti odjerni li rrifjutaw li jahllsuh sehemhom kid dovut;

7. Illi fil-mori tal-kawza prezenti a bazi ta’ kuntratt datat id-29 t’April tas-sena 2004 in atti tan-Nutar Dottor Joe Cilia, il-konvenut John Xuereb hallas sehemu mill-porzjon li kien ghadu dovut lill-attur;

8. Illi l-konvenuti l-ohra rimanenti ipprezentaw ghadhom inadempjenti;

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm jirrizulta li l-konvenut John Xuereb lahaq ftehim ma l-attur, jirrizulta li l-kawza odjerna xorta baqghet intavolata fil-konfront tieghu;

Illi jirrizulta wkoll li ghalkemm il-konvenuti rimanenti ipprezentaw l-ammont minnhom dovut f’din il-procedura

fir-Registru ta' din il-qorti, jirrizulta li dan l-ammont ghadu hekkhekk u qatt ma gie mghoddi lill-attur;

Ikkunsidrat:

Lli stante l-kuntratt datat id-29 t'April tas-sena 2004 fuq riferit, din il-qorti qed tirrespingi t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti John Xuereb stante li dan gie hallas lill-attur l-ammont minnu dovut u kif jindika fil-paragrafu numru 8 ta' l-affidavit tieghu, (ara fol 23), l-attur obbliga ruhu li jcedi l-kawza fil-konfront ta' dan huh John, li effettivament m'ghamilx;

Ghaldaqstant din il-qorti takkolji t-talbiet konvenuti fl-avviz promotur fil-konfront tal-konvenuti l-ohra senjatament Carmen Mifsud, Mary Debattista u Gaetana Diedo, ahwa Xuereb biex ihallsu lill-attur Martin Xuereb l-ammont ta' elf mitejn u tnejn erbghin Lira Maltin, (LM1,242.00,0) bl-ispejjez u imghaxijiet dovuti.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------